VERŻJONI ELETTRONIKA

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,460, 4 ta' Awwissu, 2015*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru XXVII tal-2015**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni, Kap. 327.**

**ACT No. XXVII of 2015**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Education Act, Cap. 327.**

VERŻJONI ELETTRONIKA



Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

**MARIE LOUISE COLEIRO PRECA**
**President**

4 ta' Awwissu, 2015

**ATT Nru. XXVII tal-2015**

*ATT biex jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni, Kap. 327.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2015 li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Edukazzjoni, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 327.

**2.** Fl-artikolu 2 tal-Att prinċipali minnufih wara l-kliem "l-età ta' sittax-il sena;" fit-tifsira "età obbligatorja għall-iskola" għandhom jidħlu l-kliem "jew li ma tkunx lestiet l-aħħar sena tal-iskola sekondarja;". Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

**3.** Is-subartikolu (2) tal-artikolu 9 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 9 tal-Att prinċipali.

(a) il-paragrafu (l) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala paragrafu (m); u

(b) minnufih wara l-paragrafu (k) tiegħu għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(l) jaġixxi bħala l-awtorità kompetenti biex jipprovdi l-akkreditazzjoni għal programmi f'livell obbligatorju ta' edukazzjoni marbut mill-Kurrikulu Minimu Nazzjonali u għandu jipprodvi akkreditazzjoni sal-Livell 3 tal-Qasam Malti tal-Kwalifiki. Dik l-

VERŻJONI ELETTRONIKA



akkreditazzjoni għandha tinkludi wkoll, fejn applikabbli, attivitajiet formali u informali kif imfissra fl-artikolu 63;".

Emenda tal-artikolu 23 tal-Att prinċipali.

**4.** L-artikolu 23 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "fi skola liċenzjata;" fil-proviso tat-tifsira "għalliema" tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "fi skola liċenzjata:"; u

(b) minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll għalliem li kiseb Grad ta' Baċellerat fl-Edukazzjoni fi Trobbija Bikrija u Kura li jkun qed jgħallem fil-livell ta' *kindergarten* għandu jkun ikkunsidrat bħala għalliem għall-finijiet kollha tal-liġi.".

Emenda tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali.

**5.** Is-subartikolu (2) tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "skont dan l-Att." fil-paragrafu (e) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "skont dan l-Att:"; u

(b) minnufih wara għandu jiżdied il-*proviso* li ġej:

"Iżda dawk li kisbu Grad ta' Baċċellerat fl-Edukazzjoni fi Trobbija Bikrija u Kura li jipprattikaw fil-livell ta' *kindergarten* u li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafi (a), (b), (ċ) u (e) għandhom ikunu eliġibbli għall-għoti ta' *warrant*.".

Emenda tal-artikolu 128 tal-Att prinċipali.

**6.** Is-subartikolu (2) tal-artikolu 128 tal-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

VERŻJONI ELETTRONIKA



Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 295 tal-20 ta’ Lulju, 2015.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

VERŻJONI ELETTRONIKA



I assent.

(L.S.) **MARIE LOUISE COLEIRO PRECA**
**President**

4th August, 2015

## ACT No. XXVII of 2015

*AN ACT to amend the Education Act, Cap. 327.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

Short title. Cap. 327.

**1.** The short title of this Act is the Education (Amendment) Act, 2015, and this Act shall be read and construed as one with the Education Act, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of article 2 of the principal Act.

**2.** In article 2 of the principal Act immediately after the words "sixteen years;" in the definition "compulsory school age" there shall be added the words "or has not yet completed the last year of secondary school;".

Amendment of article 9 of the principal Act.

**3.** Sub-article (2) of article 9 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) paragraph (l) thereof shall be renumbered as paragraph (m); and

(b) immediately after paragraph (k) thereof there shall be added the following new paragraph:

"(l) to act as the competent authority for providing accreditation for programmes at a compulsory level of education bound by the National Minimum Curriculum and shall provide such accreditation, for programmes up to Level 3 of the Malta Qualifications Framework. Such accreditation shall also include, where applicable, informal and non-formal activities as defined in

VERŻJONI ELETTRONIKA



article 63;".

**4.** Article 23 of the principal Act shall be amended as follows: Amendment of article 23 of the principal Act.

(a) for the words "in a licensed school;" in the proviso to the definition "teacher" thereof there shall be substituted the words "in a licensed school:"; and

(b) immediately thereafter there shall be added the following new proviso:

"Provided further that a teacher in possession of a Degree of Bachelor in Education in Early Childhood and Care teaching at kindergarten level shall be considered as a teacher for all intents and purposes of the law.".

**5.** Sub-article (2) of article 24 of the principal Act shall be amended as follows: Amendment of article 24 of the principal Act.

(a) for the words "in accordance with this Act." in paragraph (e) thereof there shall be substituted the words "in accordance with this Act:"; and

(b) immediately thereafter there shall be added the following new proviso:

"Provided that holders of the Degree of Bachelor in Education in Early Childhood Education and Care who practise at kindergarten level and who satisfy the requirements of paragraphs (a), (b), (c) and (e) shall be eligible for the award of a warrant.".

**6.** Sub-article (2) of article 128 of the principal Act shall be deleted. Amendment of article 128 of the principal Act.

---

VERŻJONI ELETTRONIKA



Passed by the House of Representatives at Sitting No. 295 of the 20th July 2015.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata —** ***Printed at the Government Printing Press on recycled paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**